MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-26 ta' April, 2006

Appell Civili - Ghawdex Numru. 107/2004/1

**Anthony u Carmen konjugi Cassar u Josef Cassar**

**vs**

**Joel Hili**

**Il-Qorti,**

Fl-14 ta’ Lulju 2005, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk;

“Peress illi fis-26 ta’ Gunju , l-attur Josef Cassar waqt li kien issuq il-vettura tat-tip Nissan 100NX (numru tar-registrazzjoni IBE 954), propjeta’ tal-konjugi Anthony u Carmen Cassar, fi Triq Papa Gwanni 11, Rabat, Ghawdex

sefa' investit mill-konvenut, Joel Hili li kien issuq vettura tat-tip Volkwagen Golf (numru tar-registrazzjoni JOL 023) li kien qieghed issuq l-istess vettura b'imprudenza, traskuragni grassa u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku tant li hareg min fuq stop signs minghajr ma zamm a proper lookout u ikkaguna l-incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi;

Peress illi minhabba l-istess incident stradali, l-atturi soffrew elf erba' mija u sitta u ghoxrin lira u ghaxar centezmi (Lm1426.10c.0m) danni skond is-survey report hawn anness u markat bhala Dokument B;

Jghid l-istess konvenut ghaliex huwa:

1) m'ghandux jigi dikjarat unikamenet rsponsabbli ghal incident awtomobilistiku hawn fuq imsemmi;
2) m'ghandux jigi kkundannat ihallas lill-atturi is-somma ta' elf erba' mija u sitta u ghoxrin lira u ghaxar centezmi (Lm1426.10c.0m) jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat min dan it-Tribunal.

Bl-ispejjez, bl-imghaxijiet skond il-ligi u bl-ispejjez ukoll tal-ittra bonarja tal-4 ta' Novembru 2004 u dik ufficjali tad-19 ta' Novembru 2004. Bl-ingunzjoni tal-istess konvenut ghas-subizzjoni."

Ra r-risposta bil-kontro-talba tal-konvenuti li tghid hekk:

1) Illi t-talbiet attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt.
2) Illi l-incident imsemmi fl-avviz sehh unikament responsabbilita' ta' Josef Cassar, is-sewwieq tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni IBE 954minhabba speed eccessiv, imperizja, traskuragni u ksur tar-regolamenti tat-traffiku fis-sewqan tieghu.
3) Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju qed jigi ikkontestat l-ammont reklamat mill-atturi bhala l-valur tad-danni subiti billi d-danni huma ferm inferjuri minn kif pretiz.
4) Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjes.

Kif ukoll ir-risposta ghall-kontro-talba li tghid hekk:

“Nota tal-eccezzjonijiet tal-istess Anthony u Carmen konjugi Cassar u ta’ Josef Cassar ghal-kontro-talba ta’ Joel Hili.

Jisponi bir-rispett:

Illi t-talbiet tal-konvenut huma infondati fid-dritt u fil-fatt stante li huwa unikament responsabbli ghal incident in kwistjoni.

Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

Sema’ x-xhieda li tressqu mill-partijiet kontendenti

Ra l-atti tal-kawza

Ikkunsidra

F’din il-kawza, jidhol il-punt importanti tad-drittijiet tal-*main road user* u tas-*side road user,* li ta’ spiss jifforma argument fid-dottrina u l-gurisprudenza, u ghalhekk

Qabel jevaluwa l-fatti ta’ din il-kawza it-Tribunal sejjer jaghmel riassunt tad-dottrina u l-gurisprudenza rigward id-drittijiet u dmirijiet rispettivi tal-utenti tat-triq ewlenija u dik sekondarja. Fid-dottrina Ngliza,[1] huma citati decizjonijiet tal-Qrati Skoccizi (Court of Session) li huma *loci classici* in materja[2] li jisiltu dawn il-principji[3]:

1. *A driver approaching a main road from a side road must have his vehicle under such control as to be prepared for any traffic encountered there (Mc Andrew v Tillard). When coming from a side road into a main road,*

---

[1] The Law of Collisions on Land, Andrew Dewar Gibb, 1932 pagna 101; The Law Relating to Motor Cars, Mahaffy and Dodson, 1929 p 77; u Charlesworth The Law of Negligence, 1947, p 84-85

[2] Mc Andrew v Tillard 1909,S.C. 78; Robertson v Wilson 1912 S.C.1276; Mc Allister v Glasgow Corporation 1917 S.C. 430; M’Wair v Glasgow Corporation 1923 S.C. 397; Hutchinson v Leslie 1927 S.C. 95.

[3] Kif ikkwotati fis-sentenza importanti *Il-Pulizija vs Anthony Galea, Appell Kriminali, W. Harding 5 ta’ Settembru 1953 Kollezz XXXVII.iv.1137*

*the driver of a vehicle should select such a moment as will allow him to enter the main road with safety (Charlesworth)*
2. *It is the duty of side road traffic to give way to traffic proceeding along the main road (Robertson v Wilson)*
3. *Caution from the main raod user is also called for at these junctions (ibidem). Ara wkoll Charlesworth li jghid "But whilst there is this duty on vehicles coming from the side road, it is also the duty of vehicles on the main road approaching a side road to do so with caution"*
4. *The duty of a driver whose course is calculated to disturb the ordinary stream of traffic on a road is of a higher order. The more risky and difficult the manoeuvre is, the greater the duty incumbent on the driver. In the sense, therefore, that turning out of a side-road into a main road is more difficult that continuing a main road, the side-road's driver is higher (M'Nair v Glasgow Corporation;* u *Hutchinson v Leslie)*
5. *The actual precautions called for in any particular situation are a practical question, and depend on the facts of the particular situation (M'Nair v Glasgow Corporation)*
6. Fi Brooks vs Graham (12 March 1964, unreported) – ikkwotata fil-11 –il edizzjoni tal-Bingham & Berryman's Motor Claims Cases, mitbugh minn Butterworths, sena 2000 para 9.124, pagna 385), karozza miexja bil-15 mph lejn il-Punent habtet f'inkrocju ma' vann sejjer lejn it-Tramuntana. Il-vann kien hiereg bi 20 mph minn triq li kellha 'Halt' sign. Is-sewwieqa ma rawx lil xulxin qabel il-habta. L-ewwel qorti qatghetha 25% tort lill-karozza u 75% lill-vann. Fl-appell, il-Qorti qalghet li bl-ispeeds relattivi, ma setax ikun li l-vann hareg fit-triq qabel ma l-karozza waslet fl-inkrocju. Di piu', hemm differenza bejn side-street li jkollhom 'slow' sign u dawk li jkollhom 'halt' sign. L-ewwel Qorti ittrattat l-incident bhallikieku kien hemm 'slow' sign biss: *where there is a halt sign, different considerations apply. If a vehicle on a major road is to approach such a crossroads in such a way that it can stop dead if a vehicle on a minor road fails to observe the halt sign, it would mean that it would have to slow down to little more than a walking pace and for all practical intents and purposes bring traffic on the major road to a standstill.*

Il-ligi taghna wkoll taddotta dawn il-principji: hekk skond Regolament numru 76 tar-Regolamenti tal-1994 Dwar il-Vetturi bil-Mutur (A.L. 128 tal-1994):

*Triq principali hi dik li t-traffiku kollu li jkun ghaddej minnha jkollu d-dritt tal-moghdija u t-traffiku u t-toroq kollha li jaghtu ghaliha ghandhom jaghmlu l-wisa' lil dak tat-triq imsemmija hawn fuq, izda, b'danakollu, id-driver ta' kull vettura bil-mutur sew fi triq principali jew sekondarja ghandu joqghod attent il-hin kollu u ghandu jiehu l-prekawzjonijiet kollha mehtiega f'kull kantuniera*

U skond paragrafu 213 tal-Kodici Ghat-Traffiku fit-Triq, 2001:

*F'salib it-toroq jew ghaqda ta' triq principali ma' triq sekondarja, it-traffiku fit-triq sekondarja ghandu jaghti d-dritta lit-traffiku li jkun ghaddej fi, jew li jkun hiereg minn, it-triq principali*

L-istess ghamlet il-gurisprudenza Maltija:

F'*Il-Pulizija v Anthony Galea (*Appell Kriminali, 5 ta' Settembru 1953 Vol XXXVII.iv.1137) l-Imhallef William Harding hekk ikkonkluda wara studju *funditus* dwar l-obbligi rispettivi tal-*main* u *side road users:*

*Ghalhekk, fis-sistema Malti, is-side road user ghandu l-obbligu li jcedi ghat-traffiku fuq il-main road, ghandu l-obbligu li jesplora tajjeb il-main road qabel ma johrog fiha, ghandu l-obbligu li jimxi dead slow u sahansitra jwaqqaf biex u sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara. U l-main road user ukoll ghandu joqghod attent fil-cross roads; imma l-grad ta' diligenza li tinkombi lilu hu ferm inqas, ghax hu ma jkunx qieghed jiddisturba l-kors tat-traffiku, imma jkun miexi fuq triq dritta.*

Fil-kawza fl-ismijiet *Gasan Mamo Insurance vs Fabian Schembri* (16.07.2001 – Avviz Nru 816/00/MM – Qorti tal-Magistrati, Malta), il-kollizjoni kienet bejn vettura li harget

minn side-street u habtet go vettura fil-main road; il-vizwali taz-zewg sewwieqa kienet immnaqqsa minn trailer li kien ipparkjat ezatt fil-kantuniera. Il-Qorti ghamlet din ir-riflessjoni interesstanti: *La darba* (is-sewwieqa fit-triq principali) *kienet se tavvicina nkrocju fejn kienet taf li kien hemm blind corner u minhabba diffikultajiet partikolari, li s-sitwazzjoni kienet tippresta, imissha naqqset xi ftit mill-velocita' halli hija tipprevedi dak li probabilment seta' jigri. Ma hemmx dubbju, li fit-toroq iffullati taghna, wiehed ghandu jippretendi li jkun hemm karozzi hergin minn kull kantuniera fi kwalunkwe hin u ghalhekk mehud in kunsiderazzjoni d-diffikultajiet ta' dan il-kaz Attard(*il-main road user) *messha naqqset il-velocita' b'mod ikar prudenti.*

F' *Maggur Alfred Stagno Navarra vs Nicola Saliba et* – 27 ta' Novembru 1961, Qorti tal-Appell, Sir Antony Mamo, AJ Montanaro Gauci, H. Harding Kollezz XLV.i.389 (appell civili) il-Qorti m'accettatx il-verzjoni tal-konvenut li huwa waqaf qabel hareg mis-side street, u kkonkludiet li kien hareg mis-side-street bla ma kien ha l-prekawzjonijiet mehtiega. Il-konvenut kien ukoll kontumaci. L-attur kien miexi bit-30 mil fis-siegha. Ma kienx hemm slow-signs fit-triq principali. Il-Qorti qassmet il-htija 4/5 lill-konvenut, u 1/5 lill-attur li kien miexi fit-triq principali.

F'*Anna Stanley vs Alan Zahra* –23 ta' Marzu 1993, Prim'Awla, Onor. J Said Pullicino, Kollezz LXXVII.iii.93, iben l-attrici kien isuq Mercedes b'velocita' qawwija fi Vjal ir-Rihan (triq principali) bejn in-Naxxar u San Gwann, filwaqt li l-konvenut baqa' diehel fih minn Triq l-Iskola (triq sekondarja). Il-vizwali kienet tajba hafna kemm ghal bin l-attrici kif ukoll ghall-konvenut u ghalhekk ma kien hemm xejn milli jimpedixxi lill-konvenut milli jzomm *a proper look-out*. Il-konvenut ma waqafx hu u hiereg mis-side street, fejn kien hemm stop-sign. Il-Perit Legali kkonkluda li seta' facilment jara lill-Mercedes gejja, specjalment billi kienet gejja b'velocita' eccessiva. Min-naha l-ohra, l-velocita' tal-Mercedes giebet lis-sewwieq fl-impossibilita' li jevita l-incident. Responsabilita: terz (1/3) ghal bin l-attrici u zewg terzi (2/3) ghall-konvenut. Il-qorti ma qablitx mal-perit legali:

Fil-fehma tal-Qorti, il-perit legali ma applikax il-principji rikonoxxuti fil-gurisprudenza “in civilibus” rigward l-effett ta’ velocita’ eccessiva tal-main road user fuq id-determinazzjoni tar-responsabilita’ tas-sinistru. Gie kostantement ritenut illi waqt li l-velocita’ eccessiva ghal dik regolamentari, jekk tirrizulta ppruvata, tesponi lid-driver sija jekk dan ikun main road user sia jekk ma jkunx, ghal proceceduri krminali kontra tieghu ghall-vjolazzjoni ta’ regolamenti tas-sewqan apposti; tali velocita’ eccessiva fiha nnifisha ma tistax titqies a priori bhala fattur determinanti ghar-responsabilita’ ghall-incident jew kontributorju ghalih. Irid jigi stabbilit sodisfacentement illi l-velocita’ eccessiva kienet element determinanti li pprovoka l-incident u li tista’ titqies bhala l-kawza prossima tal-akkadut;

*Hu car fil-kaz in ezami illi dak li pprovoka l-incident , certament ma kienx is-sewqan b’velocita’ “ftit jew wisq haj” tad-driver tal-karozza tal-attrici, imma l-fatt ippruvat u stabbilit mill-perit legali, illi l-konvenut invada t-triq principali, minn fejn kien niezel il-Mercedes, minghajr ma esplora sewwa dik it-triq u qabel ma accerta ruhu li seta’ jaghmel dan bla jkun ta’ tfixkil ghat-traffiku gejn fuq il-main road. Jirrizulta – u dan hu rilevanti - illi l-konvenut kellu vizwali tajba u fit-tul fid-direzzjoni minn fejn kienet gejja l-Mercedes. Dan ifisser li l-konvenut ma kellu l-ebda skuzanti li seta’ b’xi mod gie sorpriz bis-sewqan tal-vettura fit-triq principali. Il-konvenut seta’ jara sewwa l-Mercedes. Seta’ jiggudika l-velocita’ taghha u d-distanza li fiha kienet. Il-konvenut jista’ biss jinkolpa lilu nnifsu jekk ma rax il-Mercedes, jew jekk raha, li ma kkalkulax tajjeb il-velocita’ taghha. Hu dan il-gudizzju zbaljat li pprovoka l-incident u mhux il-velocita’ eccessiva tal-driver l-iehor. Mill-banda l-ohra sewwa jinghad illi l-provi prodotti ma humiex fihom infushom konklussivi ta’ xi velocita’ esagerata li kienet timpedixxi lid-driver tal-Mercedes li jitlef (il-kontroll tal-) vettura jew li ma jirrejagixxix tempestivament anke jekk mhux b’success jekk jiehu evasive action. Anke jekk jigi koncess dak li kkonkluda l-perit legali, li l-Mercedes kienet qed tigi misjuqa bi speed in eccess ta’ dak regolamentari, il-Qorti ma tistax taqbel li*

*s-sewqan ta' bin l-attrici kien tali li jikkwalifikah bhala main road abuser, sal-punt li jigi ritenut responsabbli ghas-sinistru jew li kkontribwixxa ghalih.*

F'*Il-Pulizija vs George Buttigieg u Doris Bonello* –30 ta' Marzu, 1963, Appell Kriminali, Onor W Harding Vol XLVII.iv.1198. Doris Bonello kienet tiela' Dingli Street, tas-Sliema (gejja minn Tower Road) filwaqt illi George Buttigieg kien hiereg minn Windsor Terrace, triq laterali ghal Dingli Street. Bonello kienet il-main road user, u Buttigieg is-side-road user. Il-Qorti qalet li *fil-kaz prezenti, l-obbligu ta' Buttigieg kien aktar accentwat bic-cirkostanza specjali li l-isbokk minn Windsor Street ghal gewwa Dingli Street, lejn il-parti tal-lemin hu ulterjorment mghotti bi sporgenza tal-bini fuq dik in-naha, kif juri l-iskizz, b'mod li l-vizwali tkompli tinheba kwantu ghal vejkoli li jkunu gejjin, kif kienet Bonello, minn dik il-parti ta' isfel ta' Dingli Street.*

*Issa l-Qorti thossha sodisfatta mill-provi li l-appellant Buttigieg dahal mis-side street ghal gol-main road minghajr ma qaghad attent bizzejjed ghat-traffiku tal-main road u … ma thossx li tista' taghti kredenza lill-verzjoni tieghu fis-sens li waqaf u hares qabel ma mbokka Dingli Street.* Il-Qorti rriteniet li l-konvenuta kienet gejja bi speed baxx, ta' mhux iktar minn 15-il mil fis-siegha, u kienet qed tbiddel mis-second gear ghat-top (sic) gear. Bilfors li kellu jkun hekk ghax kienet ghadha kif kisret minn Tower Road, distanza ferm qasira 'l boghod minn fejn sehh is-sinistru. Il-Qorti rriteniet li Doris Bonello bl-ebda mod ma kkontribwiet ghall-incident. Interessanti r-riflessjoni tal-Qorti li *Ma jirrizultax li kienet issuq bi speed eccessiv, u, ankorke' kienet, dan il-fattur seta' biss talvolta jinfluwixxi fuq l-applikazzjoni tad-doctrine of last opportunity fis-sens li min isuq bi speed moderat ikollu iktar l-opportunita' li jirreagixxi prontament u jirripara t-tort ta' haddiehor – imma qatt ma kien inehhi li kull reazzjoni taghha simili kienet tkun appuntu ghax Buttigieg hareg fil-main road* <u>*inkawtament.*</u>

Fil-kawza *Gasan Insurance Agency Ltd vs Saviour Spiteri,* moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-19 ta' Gunju 2000 (Avviz Nru 717/99/MM) l-incident kien simili hafna

ghall-istanti: l-assikurat kien ghaddej minn main road, u cioe' Qajjenza Road, sejjer fid-direzzjoni ta' Birzebbugia, filwaqt illi l-konvenut kien hiereg minn side-street. L-assikurat ibbrejkja u kiser lejn il-lemin biex jipprova jevita l-incident. Anke f'dan il-kaz, il-Qorti sabet lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident:

Il-Qorti ghamlet referenza ghall-kawza *Pulizija v Pawlu Borg (Vol XXXVI.i.797)* fejn il-Qorti qalet: "*ghalkemm sewwieq ghandu joqghod dejjem attent sia jekk ikun fuq triq dritta kemm ukoll jekk ikun se jidhol fiha, huwa principju affermat f'diversi decizjonijiet tal-Qrati Nglizi li sewwieq li se jidhol fit-triq id-dritta minn triq ohra ghandu obbligu akbar minn dak is-sewwieq fuq it-triq id-dritta ghas-semplici raguni li hu jkun se jaqsam li 'stream of traffic' li jkun hemm fuq it-triq dritta: mentri s-sewwieq fuq it-triq id-dritta ladarba se jkompli ghad-dritt ma jkun se jfixkel lil hadd".*

*Dan hu ezatt li gara f'dan il-kaz. L-assikurat tal-attur kien sejjer ghad-dritt u ma kien se jfixkel lil hadd. Kien il-konvenut hiereg minn side-street li kien se jaqsam 'as stream of traffic' li jiddisturba l-utenti l-ohra u messu qaghad ferm u ferm attent qabel ma hareg fuq it-triq principali.*

*L-unika skuza li ghamel il-konvenut ghall-operat tieghu huwa l-velocita' allegatament eccessiva da parti tal-assikurat tal-attur.*

*Dan ma jirrizultax pero'. Ma kien hemm ebda ostakolu ghall-konvenut biex jara l-vettura ghaddejja mill-main road. Jista' jkun li l-konvenut ghamel il-kalkolu hazin, ra lill-attur u haseb li qieghed certu distanza meta fil-fatt kien iktar vicin, imma hu x'inhu, l-accident gara minhabba n-nuqqas ta' prekawzjoni da parti tal-konvenut meta gie biex jitlaq minn 'side street' ghal go 'main road'*

Wara dawn ir-riflessjonijiet ta' indoli legali, it-Tribunal issa sejjer jghaddi biex jevaluwa l-provi, jistabbilixxi l-fatti tal-kawza, u jezaminahom fid-dawl tal-principji legali fuq enuncjati.

Fil-kaz prezenti, is-sewwieq tal-vettura tal-attur kien qieghed isuq fuq sajdu fid-direzzjoni tal-Gharb u hiereg minn Triq Sant'Ursula ghall-prolungazzjoni taghha li tissejjah Triq Papa Gwanni Pawlu II li fuq il-lemin tal-vettura tal-attur tibqa' sejra dritt filwaqt li tusa' fuq in-naha tax-xellug taghha, u, fil-punt fejn titwessa', hemm diversi toroq laterali li jisbokkaw ghal gewwa fiha. Ma hemmx dubbju li Triq Sant'Ursula u Triq Papa Gwanni Pawlu II huma toroq ewlenija ( jew ahjar triq ewlenija b'zewg ismijiet) f'Ghawdex filwaqt li t-toroq laterali msemmija huma sekondarji. Il-konvenut kien hiereg minn wahda minn dawn it-toroq laterali li fit-tarf taghha hemm zewg traffic islands u stop-sign. Il-konvenut ma kellux viswali wisq twila fuq in-naha tal-lemin u cioe' ghal gewwa Triq Sant'Ursula, u dan minhabba l-konfigurazzjoni tat-triq jew toroq ewlenija fuq imsemmija, ghax hemmhekk hemm liwja. Tant hu hekk, li biex tghin il-viswali ta' min johrog mit-triq laterali imnejn hareg il-konvenut, kemm qabel kif ukoll wara l-incident kien hemm mera faccata ezatt taghha – liema mera pero' ma kinitx hemm meta sehh l-incident. Il-viswali tal-konvenut kienet ridotta iktar billi kien hemm il-karozzi pparkjati fi Triq Sant'Ursula fuq in-naha ta' mnejn kien gej is-sewwieq tal-vettura tal-attur. Dawn l-elementi topografici jemergu ahjar mill-iskizz, redatt bi precizjoni kbira mis-surgent Anton Schembri, kif ukoll mir-ritratti esibiti Dok JH2 u JH3. Jemergi wkoll mill-iskizz li l-vettura tal-attur halliet zewg brake-marks, wiehed ta' 14.10 u l-iehor ta' 21.8 metri. Dan ifisser li l-vettura kienet miexja b'velocita' ta' mill-inqas 55 kilometru fis-siegha. Mill-inqas ghax irid jitqies ukoll li din il-vettura ma waqfitx kawza tal-*friction* mal-art imma ghax dahlet fix-xewka lemija ta' quddiem tal-vettura tal-konvenut u l-impatt tant kien qawwi li l-vettura tal-konvenut li kienet perpendikulari mat-triq ewlenija daret b'wiccha ghan-naha l-ohra tat-triq; filwaqt li l-vettura tal-attur spustjat ruha lejn il-lemin tat-triq u waqfet hmistax-il metru boghod wara l-habta. Il-frak rizultanti mill-kollizjoni ma waqqghax comb fl-art izda tar u tferrex fuq area pjuttost kbira lejn in-naha tal-lemin tat-triq, u dan ukoll jindika impatt ta' certa sahha. L-indizji kollha jindikaw bla dubbju li l-vettura tal-attur kienet gejja b'velocita' ferm eccessiva, oghla mill-massimu ta' 50 km

fis-siegha konsentit ghal built-up areas, kif inhi l-lokalita in kwistjoni, u ferm u ferm oghla mill-velocita' li wiehed jistenna meta jkun qieghed joqrob inkrocju. Mill-iskizz jirrizta wkoll li min-naha ta' fuq tal-kelma *STOP* ghall-bidu tat-tyre-mark tal-vettura tal-konvenut hemm ezattament 3 metri. Kunsidrat li l-habta sehhet iktar 'il quddiem mit-tyre ta' quddiem, jirrizulta li mill-inqas il-faccata tal-vettura tal-konvenut kienet 4 metri 'l boghod min-naha ta' fuq tal-kelma *STOP* impittra fl-art. Dan fi triq li hemmhekk hija wiesa 9 metri mix-xifer tal-bankina fuq in-naha l-ohra tat-triq sal-istop sign. Minn dan il-wisa, kien hemm zewg metri mehuda mill-vetturi pparkjati. Jigi ghalhekk li fil-mument tal-kollizjoni l-vettura tal-konvenut harget erba' metri 'l barra fi triq li kellha karreggjabbli 7 metri; cjoe' harget 'il barra iktar min- nofs it-triq.

Dak li stqarru l-partijiet u x-xhieda okulari, kemm *a tempo vergine* kif ukoll quddiem it-Tribunal, jista' f'dan il-kaz facilment jitkejjel mar-rizultanzi oggettivi emergenti mill-iskizz u ritratti sabiex tigi stabbiliti l-veracita' o meno taghhom.

Il-konvenut stqarr lis-surgent li kien huwa wieqaf fuq l-istop marking, u li kien ghadu ma bdiex isuq biex jisporgi fit-triq ewlenija. Quddiem it-Tribunal qal li n-naha ta' quddiem tal-vettura tieghu kienet sporguta ftit 'il barra mis-sinjal *STOP* kif immarkat minnu bl-ittra "X" fuq l-iskizz a fol 26 u cioe' circa nofs metru 'l barra. Din il-verzjoni tal-konvenut ma tistax titwemmen, ghax ma taqbilx mar-risultanzi emergenti mill-iskizz. Anke l-istess konvenut, bil-mod kif xehed li ma kellux viswali ta' Triq Sant'Ursula, implicitament ammetta li hareg bicca sewwa fil-karreggjata tat-triq ewlenija qabel l-incident.

Il-konvenut kellu mieghu passiggier quddiem u iehor wara. Il-passiggier ta' quddiem, John Sultana, lis-surgent qallu li ma kienx jaf jekk il-konvenut kienx waqqaf il-vettura tieghu quddiem jew wara l-istop sign (ara fol 37). Imbaghad quddiem it-Tribunal immarka fuq ir-ritratt JH3 il-punt fejn kienet 'il karrozza, u cioe' 'il gewwa min-naha ta' quddiem tal-istop sign. It-Tribunal ma jaghtix affidament lil dan ix-xhud li xhur wara, quddiem it-Tribunal, ftakar dak li b'mod

mill-iktar konvenjenti ma ftakarx *a tempo vergine.* Dan apparti li mhux possibbli li l-kollizjoni sehhet f'dak il-punt, ghax, apparti dak li jirrizulta mill-iskizz, il-vettura tal-attur ma setghetx habtet ma' dik tal-konvenut minghajr ma farrket is-*centre strip.* Il-passiggier ta' wara fl-ebda punt ma ftakar fejn kienet il-karozza.

Jirrizulta ghalhekk li l-incident sehh tort taz-zewg sewwieqa. Is-sewwieq tal-vettura tal-attur kien qieghed isuq bi speed eccessiv f'inhawi mibnija u biswit inkrocju kkumplikat fi triq arterjali u ferm traffikuza, b'mod li ma kienx kapaci jwaqqaf il-vettura tieghu tempestivament appena rinfaccjat b'ostaklu mprevist. Min-naha tieghu, il-konvenut ghalkemm kellu viswali limitata, ghazel li johrog f'nofs triq arterjali minghajr ma accerta ruhu li seta' jaghmel il-manuvra tieghu minghajr ma jostakola t-traffiku li kien ghaddej gewwa fiha. Bhala side-street user, il-grad ta' responsabilita' tal-konvenut hija ferm ikbar minn dak tal-attur.

Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar il-*quantum* tad-danni subiti mill-vetturi rispettivi.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jsib lill-attur Josef Cassar responsabbli kwantu ghal kwart (1/4) u lill-konvenut responsabbli kwantu ghal tlett kwarti (3/4) ghall-incident *de quo* u d-danni rizultanti u konsegwentement jilqa' t-talba attrici billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi Anthony u Carmen konjugi Cassar is-somma ta' LM1,069 filwaqt li jilqa' in parte l-kontro-talba billi jikkundanna lill-attur Josef Cassar ihallas lill-konvenut is-somma ta' LM300. Spejjez kwart ghall-atturi u tlett kwarti ghall-konvenut."

Minn din is-sentenza appella l-konvenut. Huwa jilmenta li t-Tribunal ikkonsidra u vvaluta hazin il-fatti li taw lok ghall-incident. Konsegwentement huwa jikkontendi li d-decizjoni oppunjata minnu kienet tmur kontra l-principju ta' l-ekwita` u ta' l-imparzjalita`, bi ksur ta' l-Artikolu 8 (2) tal-Kapitolu 380;

Anke jekk dan l-ezercizzju diga` sar mit-Tribunal, jokkorri, qabel kull konsiderazzjoni ohra, illi jigu registrati certi principji ta' dritt f' materja ta' kollizjonijiet ko-involgenti "*main-road user*" u "*side-road user*":-

(1) "Is-*side road user* ghandu l-obbligu li jcedi ghat-traffiku fuq il-*main road*, li jesplora tajjeb il-*main road* qabel ma johrog fiha, u li jimxi *dead slow*, u sahansitra li jwaqqaf, biex u sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara. Il-*main road user* ghandu wkoll l-obbligu li joqhgod attent fil-*cross roads*, imma l-grad ta' diligenza li jinkombi lilu hu ferm anqas minn dak tas-*side road user*, ghax hu ma jkunx qieghed jiddisturba l-kors tat-traffiku, imma jkun miexi fuq triq dritta" – "**Maggur Alfred Stagno Navarra -vs- Nicola Saliba *et***", Appell Civili, 27 ta' Novembru 1961; "**Mark Sammut -vs- Maryse Germaine de la Fargue**", Appell Civili, 2 ta' April 1976;

(2) Dan il-principju jekkeggja dak li kien intqal f' sentenza anterjuri, u cjoe, illi "min ikun isuq karozza u jasal biex johrog fit-triq principali, ghandu l-obbligu li qabel jesplora tajjeb it-traffiku transitanti fuqha; dan ma jfisserx illi min ikun isuq fi triq principali huwa dispensat mill-obbligu ta' kull *road user* li juza d-diliegenza mehtiega fis-sewqan, imma l-obbligu ta' min ikun hiereg fuq it-triq principali huwa innegabilment akbar" – "**Major Roger Leigh Trapnell *nomine* -vs- Emmanuel Muscat**", Prim' Awla, Qorti Civili, 26 ta' Gunju 1946 per Imhallef W. Harding;

(3) "L-esplorazzjoni da parte tas-*side road user* ghat-traffiku transitanti fuq triq principali (*multo magis* fejn f' dan il-kaz kellu '*Stop Sign*') ma hijiex limitata ghal waqfien f' tarf l-inkrocju, imma inoltre dan ghandu jikkalkola jistax jaqsam wara li jistma l-velocita` tal-vetturi li jkunu qed joqorbu lejn l-inkorcju fit-triq principali" – "**Alexander Bartolo -vs- Kalcedon Micallef**", Prim' Awla, Qorti Civili, 16 ta' Frar 1972. "L-obbligu tieghu kien illi jieqaf zoptu wara l-linja indikata ma' l-art bhala l-limitu li oltre minnha hu ma setax isuq jekk mhux wara li jkun assigura ruhu li t-triq principali kienet ghal kollox '*clear*'." –

"**Aldo Cutajar -vs- Charles Magro**", Appell, sede Inferjuri, 27 ta' Ottubru 2000;

(4) Tibqa' pero` dejjem valida wkoll l-osservazzjoni illi, "il-*main road user* m'ghandux, unikament ghax u bhala tali, xi brevett ta' immunita` minn kwalunkwe responsabilita` f' kull infortunju stradali li fih ikun ko-involt *side road user*" – "**Lawrence Montebello -vs- Vincent Gatt**", Appell Civili, 19 ta' Awissu 1966;

Premessi dawn il-principji, ampjament sottoskritti mit-Tribunal fis-sentenza appellata, fir-rikostruzzjoni tad-dinamika ta' l-incident in ezami jassumu certament importanza vitali dawn l-elementi ta' prova:-

(i) fl-ewwel lok, u in kwantu element ta' prova indipendenti, l-iskizz preparat mis-Surgent PS 1346 Anton Schembri li nvestiga l-kaz, kif ikkonfermat minnu (fol. 39);
(ii) il-verosimiljanza tal-versjonijiet;
(iii) l-elementi oggettivi li johorgu mill-provi materjali;

Mill-fatti cirkostanzjali misluta mit-Tribunal, din il-Qorti hi tal-fehma, fuq il-konsiderazzjoni taghha tal-provi prodotti, illi s-sentenza tat-Tribunal ghandha tibqa' incensurabbli. Dan anke ghaliex fil-hsieb tal-Qorti din l-istess sentenza ma jidherx li naqset milli thares il-principju tad-dritt ekwitattiv, sostrat dan tal-gudizzju tat-Tribunal adit [Artikolu 7 (1) ta' l-Att V ta' l-1995];

Huwa bil-wisq evidenti mill-kontenut ta' l-appell tieghu illi l-appellanti bhala *side road user* ma japprezzax kif jixraq il-fatturi li jaddossawlu proporzjoni rilevanti u kontributorjeta` ghas-sinistru. Bhala fatt inkontrovertibbli jirrizulta kemm mill-iskizz kif ukoll mix-xhieda tieghu illi huwa effettivament hareg bicca sew minn wara l-i*stop sign* fil-karreggjata tat-triq principali qabel ma avvera ruhu l-iskontru. Jekk dan ghamlu minhabba t-topografija tat-toroq f' dik il-lokalita`, il-prudenza u l-bon sens kienu certament jiddettwalu li juza l-massima attenzjoni billi

jaccerta ruhu li bl-ebda mod ma jfixkel is-sewqan ta' l-utenti fuq it-triq principali, jew johloq ostakolu inaspettat f' arterja principali, u b' mod li tissorprendi u tikkreja emergenza lil konducenti ohra. Similment bhat-Tribunal din il-Qorti tinnota li l-appellanti manifestament naqas li juza dik il-"*proper look out*" mistennija minnu;

Issa ghalkemm hu veru li xi decizjonijiet jaffermaw illi anke jekk jirrizulta xi eccess ta' velocita` dan wahdu ma kienx ikun bizzejjed biex tigi akkollata xi responsabilita` lill-*main road user* ghall-incident (ara "**Dottor Remigio Zammit Pace *nomine* -vs- Carmen Grima**", Appell Inferjuri, 16 ta' Mejju 1997), b' danakollu fejn jinstab li l-i*speed* kien fost il-fatturi determinanti ghas-sinistru dan kellu jittiehed in konsiderazzjoni biex jigi stabbilit kif kellha tigi addebitata r-responsabilita`;

F' dan il-kaz it-Tribunal sew identifika illi kien hemm da parti tas-sewwieq Josef Cassar *speed* tali in eccess ta' dak konsentit lil sewqan prudenti skond il-lokalita` u c-cirkostanzi (*built up area*). Din il-konstatazzjoni hi sew bazata mill-provi, *inter alia*, (i) it-tul tal-*brake marks*, (ii) in-nuqqas ta' rallentament tal-vettura meta din kienet qed tavvicina triq laterali, u (iii) il-hsarat estensivi li garrbu l-vetturi u li juru li l-velocita` zejda giet assorbita mad-daqqa. Bla dubju, is-sewqan eccessiv da parti ta' Josef Cassar posittivament ikkontribwixxa ghall-incident billi minn dawn l-indizji hu evidenti li s-sewqan zejjed kien ukoll kawza prossima u immedjata ta' l-iskontru;

Kollox ma' kollox, din il-Qorti ma tarax li kien hemm da parti tat-Tribunal lezjoni tad-dritt ekwitattiv. Kien logiku illi jekk l-appellant naqas li josserva r-regola bazika tas-sewqan, kif imfissra fil-gurisprudenza precitata, u jirfes ghal fuq it-triq principali qabel ma jaghmel l-accertamenti esplorattivi kollha necessarji dan kien qed jaghmlu b' riskju magguri u ghalhekk kellu jerfa' fi grad akbar ir-responsabilita` ghall-incident. Hekk ukoll kien logiku u wisq gust illi s-sewwieq l-iehor ma kellux jesponi ruhu ghall-htija billi jikkontribwixxi ghall-incident b' nuqqas ta'

dik il-prudenza li kienet tiddettalu li ma jsuqx b’ velocita` f’ *built up area*, u, fuq kollox, li jirrallenta b’ mod li, bl-ezercizzju tad-diligenza ordinarja, jevita l-impatt.

Ghal dawn il-motivi u dawk l-ohra additati mit-Tribunal, din il-Qorti tichad l-appell interpost u b’ hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta’ din l-istanza jitbatew mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------